# QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Att ta' Akkuża Numru 7/2023/3**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Faisal Mohammed M. Wadi**

Illum 29 ta' April 2025

Il-Qorti,

1. Rat l-Att ta' Akkuża kontra l-akkużat **Faisal Mohammed M. Wadi**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 37956(A), li bih huwa ġie akkużat mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta bis-segwenti:

**L-Ewwel (1) Kap**
**Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-gżejjer jew barra minn dawn il-gżejjer sabiex ibiegħu jew jittraffikaw f'dawn il-gżejjer droga (*herojina*)**

**Talli fis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-gżejjer jew barra minn dawn il-gżejjer sabiex ibiegħu jew jitraffikaw f'dawn il-gżejjer droga (*herojina*), bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw tali assoċjazzjoni.**

**It-Tieni (2) Kap**
**Importa, jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (*herojina*) f'Malta**

**Talli fis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) jew il-ġranet ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer importa, jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża u ċioè d-droga *herojina* f'Malta**

2. Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużat Faisal Mohammed M. Wadi, flimkien mal-Lista tax-Xhieda u l-Lista ta' Dokumenti ppreżentati fis-6 ta' Marzu 2023.[1]

3. Rat is-sentenza preliminari dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-akkużat ossia dik immarkata "A.1" fin-Nota ta' Eċċezzjonijiet tiegħu liema sentenza ġiet mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-5 ta' Settembru 2023[2], liema sentenza ġiet dikjarata nulla u bla effett b'sentenza mogħtija fit-22 ta' Mejju 2024 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri).

4. Rat illi dan l-Att ta' Akkuża ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fit-3 ta' Settembru 2024.[3]

[1] *A fol.* 12 *et seq.*
[2] *A fol.* 27 *et seq.*.
[3] *A fol.* 41.

5. Rat l-atti kollha proċesswali, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

6. Semgħet, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2025, kemm lill-konsulenti legali tal-akkużat u kif ukoll lill-konsulenti legali mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali jiddikjaraw li ma kellhom l-ebda oġġezzjoni għall-fatt li qabel il-Ġudikant sedenti ta' din il-Qorti ġie elevat għal Imħallef għamel xi żmien (bħala Maġistrat) jisma' l-kumpilazzjoni kontra l-akkużat fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.

7. Rat illi, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2025, il-Qorti qieset li jkun opportun li l-ewwel tiġi sorvolata l-ewwel eċċezzjoni tal-akkużat u b'hekk stiednet lill-konsulenti legali x'għandhom xi jgħidu dwarha b'dan illi huma qablu li l-Qorti setgħet tħalli l-Att tal-Akkuża għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni.

**Ikkunsidrat**

8. Illi din hija sentenza dwar l-eċċezzjoni mmarkata b'"A.1" fin-Nota ta' Eċċezzjonijiet tal-akkużat li tirrigwarda l-isem tal-akkużat.

9. Illi fl-eċċezzjoni in eżami l-akkużat jilmenta li l-proċeduri kollha tmexxew kontra l-persuna tiegħu fl-isem hekk kif postulat fl-Att tal-Akkuża ossia "Faisal Mohammed M. Wadi". Jispjega li dan l-isem intuża minkejja dak li qalet il-Qorti Kriminali fit-3 ta' Marzu 2009 (*a fol.* 334 u 335) fejn hija għarrfet l-isem korrett tiegħu hekk kif rrapurtat fil-*conviction sheet* eżebita *a fol.* 12. Ikompli li b'hekk l-Att tal-Akkuża u l-atti tal-istruttorja huma nulli u bla effett stante li qed jittrattaw persuna fittizja li ma hijiex persuna li tinsab akkużata u dana bi ksur ta' Artikolu 589(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

10. Illi dwar l-eċċezzjoni in eżami, din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- mill-eżami li sar lill-akkużat dakinhar imputat fl-20 ta' Settembru 2008 (*a fol.* 8) jirriżulta li għad-domanda ta' x'ismu u x'kunjomu t-tweġiba kienet is-segwenti: "Faisal Mohamed M. Wadi" u għad-domanda dwar x'ried iwieġeb fuq dak li ġie akkużat bih, dakinhar huwa wieġeb li "mhux ħati";

- id-dettalji tal-akkużat li jidhru *a fol.* 8 huma identiċi għal dawk li jidhru fuq il-Karta tal-Identita' tiegħu (*a fol.* 10);

- l-akkużat kien daħal b'passaport b'isem differenti wara li kienet inħarġet kontra tiegħu *removal order*;

- *a fol.* 331 jingħad li mill-fedina penali eżebita jirriżulta li l-akkużat kien ġie ddikjarat immigrant projbit u fil-konfront tiegħu nħareġ Ordni ta' Tneħħija b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-3 ta' April 2002;

- fin-Nota ta' Rinviju tiegħu tat-22 ta' Ġunju 2009 (*a fol.* 372) l-Avukat Ġenerali talab korrezzjoni fl-isem tal-akkużat b'dan illi fin-Nota msemmija huwa qal hekk:

  > "peress li mill-atti jidher li hemm żball f'isem l-akkużat biex l-istess isem jiġi ikkoreġut skond kif jidher *a fol.* 363 tal-proċess u biex per konsegwenza, għat-tenur ta' l-Artikolu 432(2) tal-Kodiċi Kriminali, sabiex il-Qorti jogħġobha tibda mill-ġdid il-kumpilazzjoni kif premesss fl-istess Artikolu";

- mill-verbal tas-seduta miżmuma quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-25 ta' Ġunju 2009 (*a fol.* 374) jirriżulta li l-Qorti msemmija, filwaqt li għamlet riferenza għan-Nota ta' Rinviju tal-Avukat Ġenerali tat-22 ta' Ġunju 2009, hija ordnat li ssir il-korrezzjoni fl-atti proċesswali fis-sens li isem l-akkużat kellu jitħassar minn kif kien jidher u jinbidel bl-isem "Faisal Mohamed Musbah Ali Wadi";

- jirriżulta li dakinhar tal-25 ta' Ġunju 2009 reġa' sar l-eżami mill-ġdid tal-imputat illum akkużat u jirriżulta wkoll li dakinhar l-akkużat tramite l-konsulent legali tiegħu eżenta lill-Qorti tal-Maġistrati milli terġa' tisma x-xiehda li kienu diġa' nstemgħu u dan dejjem salv għad-dritt ta' kontro-eżamijiet u eċċezzjonijiet li setgħu jsiru fi stadju opportun;

- jidher li minkejja l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati hekk kif imsemmi hawn fuq l-isem tal-akkużat li baqa' jintuża waqt il-maġġor parti tal-proċeduri baqa' ma nbidilx tant li permezz tan-Nota ta' Rinviju tat-18 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 599), l-Avukat Ġenerali reġa' talab sabiex il-kumpilazzjoni terġa' tinbeda mill-ġdid u dana minħabba, fost l-oħrajn, għaliex:

> "Illi apparti minn hekk, jirriżulta wkoll li sussegwentement, l-isem li kien baqa' jintuża quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-atti sussegwenti kien dak skorrett u ċjoè "Faisal Mohamed M. Wadi" a differenza ta' dak li suppost kellu jkun skont kif korrett jiġifieri "Faisal Mohamed Musbah Ali Wadi";

- mill-verbal tas-seduta tat-23 ta' Mejju 2012 (*a fol.* 600) jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati reġgħet ordnat li l-isem tal-imputat kellu jiġi kkorreġut u minbarra dan l-imsemmija Qorti reġgħet tat id-digriet tal-*prima facie* (*a fol.* 602);

- sussegwentement numru ta' atti li saru wara ħarġu taħt l-isem korreġut għalkemm l-isem tal-akkużat odjern ċertu drabi baqa' jidher b'xi żball jew ieħor;

- l-Att tal-Akkuża ġie ppreżentat fl-isem "Faisal Mohammed M. Wadi" u ċioè l-isem il-ħażin.

11. Illi jkun opportun li f'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li permezz ta' Att XXII tal-2005 sar applikabbli għal Kapitolu 9 tal-

Liġijiet ta' Malta. Dwar dan din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Lulju 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Charles Borg** (Numru 35/2022) (liema sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) b'sentenza mogħtija fl-24 ta' Jannar 2024), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "17. Iżda ġialadarba fiż-żmien meta kienu nbdew dawn il-proċeduri kriminali kontra l-akkużat dan l-artikolu kien ġie applikabbli wkoll għal proċeduri kriminali, ma kienx hemm ostakoli għaliex ma kellux ukoll ikun ritenibbli applikabbli għal dawn il-proċeduri. Li l-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa wkoll applikabbli fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali huwa illum ukoll sorrett mill-ġurisprudenza. Fl-appell kriminali **The Republic of Malta vs. Michael Emmanuel** deċiż fit-22 ta' Jannar 2020, ġie mistqarr is-segwenti:
>
> > "17. Also not only was the appeal application filed in the registry of this Court, in its superior jurisdiction, but above all the legislator himself considered that the power to amend written pleadings by the Court should extend also to those acts filed before the courts of criminal jurisdiction, and rightly so. In fact article 520(1)(c) of the Criminal Code provides that article 175 of the Code of Organisation and Civil Procedure is to be made applicable also to the said courts *mutatis mutandis*. Today, therefore, the said disposition of the law gives this Court the power to carry out those amendments required to written pleadings so as to save them from nullity, wherein article 175(2) of Chapter 12 of the Laws of Malta reads as follows:
> >
> > **"Any court of appellate jurisdiction may also order or permit, at any time until judgment is**

**delivered, the correction of any mistake in the application by which the appeal is entered or in the answer, including any mistake in the indication of the court which delivered the decision appealed from, in the name or character of the parties, or in the date of the judgment appealed from.**

**Provided that any court of appellate jurisdiction may also order corrections in the judgment of the court of first instance and other corrections that the court of appellate jurisdiction considers to be justified in the acts of the case at any stage of the appeal proceedings until the appeal is adjourned for judgment, at the request of any of the parties, and after granting the parties an opportunity to be heard."**

18. The *raison d'etre* behind the introduction of article 175 of the Code of Organisation and Civil Proceedings and its applicability to the courts of criminal jurisdiction was expounded in a judgment delivered by this Court in its inferior jurisdiction in the case **Il-Pulizija vs. Charles Mifsud** (15/10/2019) wherein it was decided:

**"Illi din l-emenda kienet daħlet bl-Att XXII tal-2005 li d-dibattiti parlamentari dwaru juru li l-intenzjoni tal-leġislatur, riflessa fl-istqarrijiet magħmula mill-ġja Ministru Dr. Tonio Borg u ġia Segretarju Parlamentari Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, kienet li jitħaffu proċeduri ġudizzjarji u jitnaqqsu l-formaliżmi żejda. Mid-dibattiti parlamentari relattivi għall-bidla introdotta bl-Att I tal-2018 fir-rigward tal-applikazzjoni *mutatis mutandis***

**ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali, jirriżulta li dawn riedu jiġu applikati speċifikament għal dan il-kuntest penali.""**

12. Illi Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

"(1) Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermettiti bdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża.

[…]

(3) Il-qorti tista', sa dakinhar li tagħti s-sentenza u taqta' l-kawża, tordna minn jeddha li tissewwa kull omissjoni jew <u>żball ġudizzjarju</u> jew amministrattiv f'<u>att ġudizzjarju</u>."[emfażi miżjuda]

13. Illi Artikolu 598 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

"(1) Kull żball <u>fl-isem tal-akkużat jew fil-partikularitajiet l-oħra tiegħu, jista', bil-permess tal-qorti, jiġi kkorreġut</u>.

(2) Jekk l-akkużat ma jagħtix eċċezzjoni fuq dan l-iżball qabel ma huwa jwieġeb jekk hux ħati jew le fuq l-akkuża, il-kawża tgħaddi 'l quddiem bħalli kieku l-isem u l-partikularitajiet imniżżlin fl-att tal-akkuża kienu tassew dawk tal-akkużat:

> Iżda l-qorti tista', f'kull att ta' wara, iżżid il-veru isem jew il-partikularitajiet veri, jekk dawn jiġu magħrufin, u f'dan il-każ din iċ-ċirkostanza tiġi mniżżla fl-atti tal-kawża." [emfażi miżjuda]

14. Illi b'hekk isegwi li l-liġi tipprovdi ampjament għal korrezzjoni ta' żball fl-isem tan-natura mertu tal-eċċezzjoni in eżami u dana b'mod speċjali meta l-persuna in kwistjoni tagħti isem u/jew kunjom li jirriżulta li jkun żbaljat u jagħmel dan minħabba raġunijiet tiegħu possibbilment biex jipprova jevadi l-ġustizzja. Konsegwentement l-iżball in kwistjoni ma jwassalx għan-nullita' tal-Att tal-Akkuża bil-konsegwenza li l-eċċezzjoni in eżami qed tiġi miċħuda.

**Decide**

15. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni ossia dik mmarkata bl-ittra "A.1" hekk kif kontenuta fin-Nota ta' Eċċezzjonijiet tal-akkużat b'dan illi *ai termini* ta' Artikolu 597(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna korrezzjoni fl-Att tal-Akkuża u ċioè kull fejn hemm riferenza għall-isem "Faisal Mohammed M. Wadi" dan għandu jiġi mibdul għal "Faisal Mohamed Musbah Ali Wadi".

16. Il-Qorti tordna li l-akkużat jiġi notifikat bl-Att ta' Akkuża kif korrett.

17. Finalment, din il-Qorti tħalli l-kawża *sine die* sakemm ikun magħruf l-eżitu ta' xi appell eventwali li jista' jitressaq skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**